MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## PETER BORG COSTANZI

Seduta tad-29 ta' Novembru, 2005

Talba Numru. 412/2005

**Gaetano Mangion**

**Vs**

**Joseph Schembri**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li bih l-attur talab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas is-somma ta' mija u ghoxrin lira Maltin (Lm120) rapprezentanti bilanc lilu dovut fuq xoghol ta' dawl u ilma fid-dar tieghu, fl-ufficcju, fil-garaxx u fil-hanut. Il-kont totali kien ta' mitejn u sebghin lira Maltin (Lm270), hallas mija u hamsin lira Maltin (Lm150) u ghalhekk fadallu jaghtih mija u ghoxrin lira Maltin (Lm120).

Ra r-Risposta tal-konvenut li biha wiegeb illi meta sar il-hlas ta' mija u hamsin lira Maltin (Lm150) dan kien ghas-saldu tax-xoghol kollu esegwit mill-attur fil-proprjeta' tal-konvenut u minghajr pregudizzju ghall-premess l-attur abbuzivament u klandestinament ha l-ircevuta rapprezentanti l-flus li l-konvenut amministra lilu u konvenjentement issa l-attur qieghed jippretendi hlas ulterjuri ghall-pagament diga' amministrat lilu minghand il-konvenut.

Ghaldaqstant in vista tas-suespost, it-talba ta' l-attur fil-konfront tal-konvenut ghandha tigi respinta.

Sema' x-xhieda ta' Gaetano Mangion, Joseph Schembri u ta' Sammy Dalli.

Sema' t-trattazzjoni ta' Dr Charmaine Cherrett ghall-konvenut u ta' l-attur li, minkejja li ma kienx ippatrocinat hu ghazel li jikkonduci l-kaz tieghu personalment u ghamel dan b'mod korrett u sensibbli.

**Ikkunsidra**

Mill-provi jirrizulta illi l-attur gie nkarigat mill-konvenut sabiex jaghmel varji xoghlijiet tad-dawl u ta' l-ilma f'diversi postijiet tal-konvenut. Qabel ma bdew ix-xoghlijiet ma sar l-ebda ftehim fuq il-prezz u jirrizulta wkoll illi wara li l-attur beda jaghmel ix-xoghol, man man il-konvenut beda jzidlu aktar xoghol.

Hin minnhom il-konvenut talab lill-attur biex jigbed kont u fil-fatt l-attur gibed kont sa dakinhar li tela' ghal mija u hamsin lira Maltin (Lm150) izda wara ftit l-attur induna li meta ghamel l-*additions* fil-kont ha zball ta' tletin lira Maltin (Lm30) u fil-fatt il-kont kellu jitla' ghal mija u tmenin lira Maltin (Lm180). Il-konvenut kien lahaq hallsu l-mija u hamsin lira Maltin (Lm150) biss. Dan il-kont ma kienx jinkludi VAT.

Sussegwentement jirrizulta wkoll illi l-attur ghamel xoghol ulterjuri u dan konsistenti fi twahhil ta' salva-vita fl-ufficcju

u dan ix-xoghol u materjal m'humiex inkluzi fil-kont originali.

It-Tribunal jidhirlu illi f'dan il-kaz odjern, il-kwistjoni kollha nqalghet ghaliex il-partijiet ma ftiehmux preventivament kemm ser jithallas l-attur ta' xoghlu u lanqas ma ftiehmu fuq ir-rati.  B'danakollu t-Tribunal jidhirlu li l-kont kif ipprezentat mill-attur u kif jidher mid-dokumenti GM1 u GM2 a fol 19 u 20 tal-process jirriflettu l-parti l-kbira tax-xoghol u dawn jekk wiehed jghodd il-figuri kollha, jgibu total ta' mija u tmenin lira Maltin u wiehed u tmenin centezmu (Lm180.81c).  Dan l-ammont ma jinkludix VAT u ghalhekk ma' din is-somma wiehed irid izid sebgha u ghoxrin lira Maltin u tnax-il centezmu (Lm27.12c) ohra.

Illi in segwitu, l-attur ghamel xoghol ta' twahhil ta' salva-vita fl-ufficcju liema salva-vita kien jiswa' tlettax-il lira Maltin (Lm13) vide l-entrata relattiva f'Dok. GM3 a fol 21 tal-process u ghal kull buon fini ghal dan ix-xoghol it-Tribunal qieghed jimputa kumpens addizjonali ta' ghaxar liri Maltin (Lm10) biex b'hekk l-ammont totali dovut lill-attur huwa kif ser jinghad:

L-ewwel kont
Lm180.81c
VAT fuq l-istess Lm
27.12c
Salva-vita ta' l-ufficcju Lm
13.00c
Labour sabiex jitwahhal is-salva-vita
Lm  10.00c
VAT fuq il-meter u l-labour sabiex jitwahhal il-meter Lm
3.45c

**Total** **Lm234.38c**

Minn din is-somma l-konvenut gja' hallas mija u hamsin lira Maltin (Lm150) biex b'hekk baqa' bilanc ta' erbgha u tmenin lira Maltin u tmienja u tletin centezmu (Lm84.38c).

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attur is-somma ta' erbgha u tmenin lira Maltin u tmienja u tletin centezmu

(Lm84.38c) bl-interessi mid-data tan-notifika ta' l-Avviz b'dan illi mal-hlas, l-attur irid jaghti lill-konvenut ircevuta tal-VAT li, kompriz il-VAT igib is-somma ta' mitejn u erbgha u tletin lira Maltin u tmienja u tletin centezmu (Lm234.38c).

Stante li l-ammont li l-konvenut qieghed jigi kkundannat ihallas huwa anqas minn dak mitlub mill-attur, ghandu jkun hemm rifless relattiv fuq il-kap ta' l-ispejjez u konsegwentement filwaqt li l-konvenut ghandu jhallas id-drittijiet tal-Konsulent Legali tieghu, l-ispejjez l-ohra tal-kawza huma kwantu ghal zewg terzi (2/3) ghall-konvenut u terz (1/3) ghall-attur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------